**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tlieta, 1 ta' Marzu 2016**

Numru 9

**Rikors Guramentat Nru. 278/2015**

**Av. Dottor Antoine Camilleri bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera All Star C.V.**

**vs**

**ERIK MB OOD, BG200550925, Ul. Tulcha-8, Ruse - Bulgaria, kif ukoll Dr. Martin Fenech u P.L. Joanna Borg Costanzi kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' Ruian Roliya Trade Co., Ltd, nominati b'digriet tal-15 ta' April 2015**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-24 ta' Marzu 2015 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta rikorrenti All Star C.V., ta' Colosseum 1, 1213 NL, Hilversum, tal-Olanda hija proprjetarja ta' diversi disinji u markji, fosthom il-markji "CONVERSE" u "ALL STAR" liema markji huma wzati fuq diversi prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, zraben sportivi u prodotti ohra, u dan kif ser jigi muri matul l-andament tal-provi;

2. Illi s-socjeta rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta industrijali tal-markji "ALL STAR" skond il-provvedimenti tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta Intelletwali (Mizuri Intrakonfini), minhabba l-fatt illi s-socjeta rikorrenti irregistrat l-imsemmija markji "ALL STAR" bhala Trademarks Komunitarji mal-'Office for Harmonization in the Internal Market' tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht Numru 0929078, Numru 007485725, u Numru 007600191 (kif ser jigi muri matul l-andament tal-provi);

3. Illi jirrizulta illi fid-9 ta' Frar 2015 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM BUTTERFLY", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' zraben sportivi li jgibu fuqhom sinjali, fosthom is-sinjal "ALL SPORT", li huma simili hafna ghal-markji "ALL STAR" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f'numru ta' zraben sportivi li l-ammont taghhom jigi ppovdut matul l-andament tal-kawza u dan wara li d-Dwana ta' Malta jkollha opportunita sabiex tghodd l-imsemmija zraben sportivi, b'Container Numru TTNU9976310 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta Intellettwali (Mizuri Intrakonfini));

4. Illi mill-Polza ta' Kargu Numru NBEC035560 jirrizulta li d-dettalji tas-'shipper' taz-zraben sportivi in kwistjoni huma ndikati bhala "Ruian Roliya Trade Co., Ltd", filwaqt li l-parti ghan-notifika ("notify party") huma ndikati bhala "ERIK MB OOD, BG200550925, Ul. Tulcha-8, Ruse - Bulgaria";

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-proprjeta intellettwali huwa projibit skond l-artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi dawn iz-zraben sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti skond l-artikolu 2(1) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kollu kif spjegat aktar il-fuq u kif ser jigi ben spjegat matul l-andament tal-provi;

7. Illi din il-konsenja ta' zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar dan il-kaz;

8. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita Ewropeja u fil-kazistika tal-'European Court of Justice' illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tal-26 ta' Frar 2009 fuq it-Trademark Komunitarja ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

9. Illi l-artikolu 9 tal-Avviz Legali Numru 233 tal-2003 intitolat "Regoli tal-2003 dwar it-Trademark Komunitarja" jistipula illi l-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw

dwar Trademarks Komunitarji huma l-Prim' Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;

10. Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent nomine jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati skond l-artikolu 2(1) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' zraben sportivi, li l-ammont taghhom ser jigi pprovdut matul l-andament tal-provi kif spjegat aktar il-fuq, b'Container Numru TTNU9976310, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skond l-artikolu 2(1) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tat-Trademarks Komunitarji Numru 0929078, Numru 007485725, u Numru 007600191 irregistrati f'isem is-socjeta rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 fuq it-Trademark Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja));

3. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-intimati jew min minnhom, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tas-socjeta rikorrenti;

5. Tordna lil intimati jew min minnhom sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez, kontra l-intimati jew min minnhom li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tat-28 ta’ April 2015 fejn ecceppew:

1. Illi l-esponenti mhux edotti mill-fatti u jirriserva li jissottometti risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tat-8 ta' Ottubru 2015 fejn is-socjeta konvenuta ERIK MB OOD giet dikjarata kontumacja;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li is-socjeta attrici hija proprjetarja ta' diversi markji fost ohrajn tal-markji 'CONVERS' U 'ALL STAR', liema markji huma uzati minn din is-socjeta fuq diversi prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, zraben sportivi u prodotti ohra, liema markji huma registrati bhala trademarks Komunitarji bin-numri 0929078, 007485725, u 007600191.

Illi mix-xhieda tal-fizzjal tad-dwana fit-taqsima tal-infurzar bl-ispecjalizzazzjoni fid-drittijiet tal-proprjeta intellettwali specjalment mizuri intrakonfini li jigi Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta a fol. 109 tal-process, Godwin Smith jirrizulta li f'container numru TTNU9976310 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM BUTTERFLY li kien diehel Malta fid-9 ta' Frar 2015 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta' sitt elef erbgha mija u tmenin (6,480) par zraben sportivi li jgibu l-markju ALL SPORT li huma simili hafna ghal markji ALL STAR tas-socjeta rikorrenti u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 11 ta' Marzu 2015 (Dok. G fol. 87) maghmul minn Elena Pigozzi, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza kif ukoll tax-xhieda tal-fizzjal tad-dwana Godwin Smith (fol. 109) li kkonferma li l-istess konsenja hawn indikata ghadha qed tinzamm fl-imhazen tad-dwana u giet irregistrata bin-numru 55/15/015, u tar-rapport ta' Elena Pigozzi li kkonfermat li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienu fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fil-prospett esebit mis-socjeta rikorrenti Dok. AC2 a fol. 114 u li jammontaw ghal €3,992.14. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-sitt elef erbgha mija u tmenin (6,480) par zraben sportivi li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-artikolu 2(1) tal-Kap. 414);

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' sitt elef erbgha mija u tmenin (6,480) par zraben sportivi b'Container Numru TTNU9976310, da parti tal-intimati u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti inkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1) tal-Kap. 414 u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta rikorrenti;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tal-intimati, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lil intimati jhallsu s-somma ta' €3,992.14 li tinkludi l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tal-ghadd u d-distruzzjoni tal-konsenja tal-oggetti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 u dan kif jirrizulta mill-prospett (Dok. AC2 fol. 114);

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-intimati b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur